MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tat-30 ta' Mejju, 2003

Citazzjoni Numru. 81/1994/1

***Citazzjoni 81/94NC***

***Mario Briffa, f' ismu proprju u bhala prokuratur ta' huh assenti Oliver Briffa, u Silvio Briffa, u b' verbal tal-10 ta' Marzu 1994 Oliver Briffa assuma l-atti tal-kawza f' ismu proprju.***

***vs***

***John Briffa***

Illum 30 ta' Mejju 2003

Il-Qorti,
Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-atturi, wara li ppremettew: peress illi l-ġenituri tal-partijiet, cioe' Joseph u Antonia Briffa mietu fil-11 ta' Dicembru 1990; peress illi

permezz ta’ testment *unica carta* maghmul mill-imsemmijin Joseph u Antonia Briffa fid-29 ta’ Jannar 1970 fl-atti tan-Nutar Oscar Azzopardi, il-partijiet gew nominati unici werrieta universali fi kwoti ugwali bejniethom (Dok.A); peress illi l-atturi ma jridux jibqghu aktar in komunjoni; talbu li l-konvenut jghid ghaliex m’ ghandux minn din l-Onorabbli Qorti:

1. Jigi likwidat l-assi tal-komunjoni tal-akkwisti gia ezistenti bejn Joseph u Antonia Briffa billi jigi dikjarat konsistenti f’ dawk is-sostanzi li jirrizultaw fit-trattazzjoni tal-kawza;

2. L-assi hekk likwidat jigi diviz f’ zewg porzjonijiet ugwali li wahda minnhom tigi assenjata lill-assi partikolari ta’ Joseph Briffa u l-ohra lill-assi partikolari ta’ Antonia Briffa;

3. Jigu divizi dawn l-assi ereditarji ta’ Joseph Briffa u Antonia Briffa f’ erba’ partijiet ugwali li jigu assenjati lil Mario, Oliver, Silvio u John ahwa Briffa;

4. Jigu nominati periti ghall-finijiet tal-likwidazzjoni u divizjoni fuq imsemmija;

5. Jigi nominat nutar biex jircevi l-att opportun ta’ likwidazzjoni u divizjoni u kuraturi biex jirrapprezentaw lill-kontumaci fuq l-istess attt;

6. Jigi ffissat jum, lok u hin ghall-pubblikazzjoni ta’ l-att relattiv.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ ittra interpellatorja tal-21 ta’ Gunju 1993 u ta’ ittra ufficjali tas-16 ta’ Novembru 1993 kontra l-konvenut li jibqa’ ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-atturi u l-lista tax-xhieda;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut li biha eccepixa: (1) Illi huwa ma jopponix ruhu ghal-likwidazzjoni, divizjoni u assenjazzjoni tal-assi erediatarji tal-genituri tieghu Joseph u Antonia Briffa skond id-disposizzjonijiet

testamentarji taghhom, salv li ssir il-verifika tal-konsistenza ta’ dawn l-assi ereditarji; (2) Fi kwalunkwe kaz, l-eccepjent ma ghandux ibati spejjes tal-odjerni proceduri; (3 ) Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenut u l-lista tax-xhieda;

Rat l-Atti kollha tal-kawza;

Rat ir-relazzjoni tal-perit legali u tal-perit arkitett;

Semghet ix-xhieda prodotti mill-partijiet bil-gurament;

Rat il-vebral registrat fl-udjenza tat-30 ta’ April 2003 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza;

Ikkunsidrat:-

Illi l-azzjoni odjerna hija wahda ta’ divizjoni tal-assi ereditarji ta’ Joseph u Antonia Briffa, ġenituri tal-partijiet, li mietu fil-11 ta’ Dicembru 1990.

Illi permezz ta’ testment *unica carta* maghmul mill-istess konjugi Briffa, dawna, *inter alia*, innominaw bhala <u>werrieta universali taghhom fi kwoti ndaqs</u> lill uliedhom Joseph, Mario, Oliver u jekk jissekolarizza ruhu, Silvio, u cioe’ l-partijiet fil-kawza odjerna.

Illi mill-provi rrizulta li l-attur Silvio Briffa gie ssekularizzat in forza ta’ digriet moghti fid-9 ta’ Frar 1991 mill-*Congregation for Institutes of Consecrated Life and Societies of Apostolic Life;* u ghalhekk ai termini tal-Artikolu 611(3) tal-Kodici Civili dana rega’ akkwista l-kapacita’ legali li jircevi permezz ta’ testment.

Illi b’ digriet moghti fl-udjenza tal-10 ta’ Marzu 1994 din il-Qorti nnominat lil Perit Rene’ Buttigieg bhala perit tekniku, u b’ digriet ulterjuri tas-26 ta’ Mejju 1994 nnominat lil Avukat Dr.Tonio Mallia (illum elevat ghall-gudikatura) bhala perit legali li b’ digriet sussegwenti tas-6 ta’ Frar

1998 gie sostitwit fl-inkariku tieghu mill-Avukat Dr.Reuben Balzan.

Illi l-imsemmija periti gudizzjarji kkonfermaw ir-relazzjoni kongunta taghhom fl-udjenza tal-20 ta' Gunju 2002; izda f' xhieda sussegwenti ghamlu korrezzjonijiet kif indikat aktar il' quddiem.

Illi fid-deposizzjoni tieghu tas-7 ta' Jannar 2003 il-Perit Rene Buttigieg, filwaqt li ghamel referenza ghal items 20 u 21[1] tar-relazzjoni tieghu, spjega li il-**paragrafu numru ghoxrin (20)** ghandu jinqara hekk: *"Ghalqa msejjha Ta' Mustaja jew ta' Gaetana, kuntrada taz-Zebbuga jew tat-Tajjara fil-limiti tal-Gudja tal-kejl ta' cirka tmien titmiem u [adde: zewg] sighan. Din l-ghalqa inbieghet fil-mori tal-kawza".*[2]

Il-**paragrafu numru wiehed u ghoxrin (21)** ghandu jinqara hekk: *"Kwart indiviz mill-ghalqa ta' Spadafora jew ta' Misrah Kola fil-kuntrada ta' Drmiedi, limiti H' Attard tal-kejl ta' circa tlett mija u tletin qasab kwadri [330], tomna, siegh sebghat u tlett kejliet [T1-1-7.3]. Din l-ghalqa hija ndikata bhala [adde:li trid tibqa'] spazju pubbliku, u ghalhekk trid tigi fil-futur mehuda mill-Gvern skond in-normi vigenti procedurali. Dan isir permezz ta' esproprijazzjoni.*

*Fl-opinjoni tal-esponent il-valur ta' din l-ghalqa konsistenti minn sit zviluppabbli u nofs il-wisgha tat-toroq huwa ta' tlett mija u sittin elf lira maltija [Lm360,000] u ghalhekk il-kwinta parti ghandu valur ta' tnejn u sebghin elf lira maltija [Lm72,000]."*[3]

Illi fid-deposizzjoni moghtija fit-18 ta' Frar 2003 quddiem din il-Qorti, il-perit legali l-Avukat Dr.Reuben Balzan spjega li fil-pagna erbatax (14) tar-relazzjoni tieghu **il-paragrafu 61.4** ghandu jinqara hekk: *"61.4 L-ewwel porzjon thallas is-somma ta' Lm717.711 ghal darba*

---

[1] Fols.111 u 112 - *pgi 32 u 33 tar-relazzjoni tieghu*
[2] Deposizzjoni Perit Buttigieg – 7 ta' Jannar 2003 – Fols.219 *et seq.*
[3] Ibid.

*wahda biss, li jizdiedu mal-Lm6,383.495 sabiex jinghataw lit-tlett porzjonijiet l-ohra kif fuq imsemmi."*

Illi konsidrat il-premess, il-Qorti taddotta fl-intier il-kontenut tar-relazzjonijiet tal-perit tekniku kif ukoll tal-perit legali, b' mod li qed jigu kunsidrati bhala formanti parti integrali minn dan il-gudizzju.

Illi mill-provi jirrizulta li l-assi ereditarji tal-konjugi Briffa, inkluzi s-sehem taghhom tal-komunjoni tal-akkwisti, jikkonsistu kemm fi proprjeta' immobiljarja, kif ukoll f' mobbli u cioe' kontijiet bankarji, titoli ta' flus, kirijiet migbura u investimenti.  Il-kontenut ta' dawn l-assi ereditarji jinsabu dettaljatament deskritti fir-relazzjoni tal-periti legali (pg.4-11)[4].

Illi l-proprjeta' immobiljarja giet deskritta u valutata mill-Perit Arkitett fir-relazzjonijiet tieghu, u giet maqsuma f' **erba porzjonijiet ugwali** bid-debita ekwiparazzjonijiet (pg.3-38)[5] .  Illi l-assi ereditarji mobbli giew maqsuma mill-perit legali l-Avukat Dr.Reuben Balzan bil-mod deskritt fir-relazzjoni tieghu (pg.13 u 14)[6].

Ghal dawn il-motivi tilqa' t-talbiet attrici billi:
1. tiddikjara li l-assi tal-*komunjoni tal-akkwisti* gia esistenti bejn il-konjugi Joseph u Antonia Briffa huma dawk indikati mill-periti fir-relazzjoni tieghu;
2. tordna d-divizjoni ta' dawn l-assi f' zewg porzjonijiet ugwali u li wahda minnhom tigi assenjata lill-assi partikolari ta' Joseph Briffa u l-porzjoni l-ohra tigi assenjata lill-assi partikolari ta' Antonia Briffa;
3. tiddikjara li *l-assi ereditarji* tal-konjugi Briffa huma dawk indikati mill-periti fir-relazzjonijiet taghhom; u
4. tordna li dawn l-assi ereditarji jigu divizi **f' erba porzjonijiet ugwali** – u dan, fit-termini tar-relazzjonijiet tal-Perit AIC Rene' Buttigieg u l-Perit Legali l-Avukat Dr.Reuben Balzan u skond il-pjan ta' divizjoni hemm imfassal, kif fuq indikat;

[4] Fols.66-73
[5] Fols.82-117
[6] Fols.75-76

5. tordna li tigi maghzula bix-xorti u assenjata lil kull wiehed mill-partijiet cioe' Mario Briffa, Oliver Briffa, Silvio Briffa u John Briffa, wahda minn dawn il-porzjonijiet;
6. tinnomina lin-Nutar Joseph Abela biex, fi zmien tlett xhur mill-lum, jirevi l-att relattiv f' data, post u hin mghazul minnu, u tinnomina lill-Avukatessa Dr.Veronica Aquilina bhal kuratur sabiex tidher ghall-kontumaci jekk ikun il-kaz.

Bl-ispejjez a karku tal-konvenuti f' porzjonijiet ugwali.

--------------------------------TMIEM--------------------------------